**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 357/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Chetcuti**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Mario Chetcuti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 534051M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Mejju, 2013, ghall-habta ta' 9.00hrs, waqt li kien fil-proprjeta' 35, Fleurettes, Triq Gerry Zammit, Gzira:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, cioe' lil martu Mary Rose Chetcuti ID 665356M u lil uliedu Lara Chetcuti ID 312090M u Karl Joseph Chetcuti ID 279192M biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

2. Ukoll talli fl-istess data, ghall-habta ta' 10.00hrs gewwa Triq Gerry Zammit, Sliema saq jew prova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura b'numru ta' registrazzjoni ROZ001 ta' ghamla Citroen Xsara, fi triq jew post pubbliku, meta ma kientx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

3. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq jew prova jsuq l-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga u meta gie mitlub biex jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi naqas jew irrifjuta li jaghmel dan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Gunju, 2015 li biha sabet lill-appellant hati biss tat-tieni imputazzjoni, mhux hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u illiberatu minnhom u kkundannatu ghal piena ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas minnu b'rati mensili u konsekuttivi u hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jkun dovut minnufih u konvertit fi prigunerija skond il-ligi;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mario Chetcuti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tikkonferma li huwa ma huwiex hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kwindi tikkonferma l-liberazzjoni tieghu minnhom, thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza msemmija fir-rigward tat-tieni (2) akkuza u minflok tiddikjara lill-esponenti mhux hati minnha u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami illi mill-provi mressqa kien jezisti dubju dwar kemm il-fatti sehhew kif rakkontati mill-prosekuzzjoni u li ghalhekk dan id-dubju kellu jmur favur il-liberazzjoni tal-appellant. Inoltre, l-appellant hu tal-fehma illi la darba l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni huwa inkoncepibbli kif l-istess Qorti sabet htija fit-tieni imputazzjoni li hi identika ghat-tielet wahda. Dan jehtieg li jkunu ezaminati l-provi mill-gdid sabiex din il-Qorti tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

2. Mill-atti jemergi illi l-Pulizija ssejhet biex tassisti lill-familjari tal-appellant wara xi dizgwid fl-istess familja. WPC 33 accediet fuq il-post fejn kienet infurmata illi l-appellant kien xurban u li kien telaq mid-dar fil-vettura tieghu. Din il-Qorti ser tinjora dak li WPC 33 saret taf minn terzi li ma xehedux quddiem il-Qorti. Fl-affidavit taghha, izda, WPC 33 tghid illi waqt li kienet fir-residenza in kwistjoni, cemplet lill-appellant sabiex twissieh li ma kellux isuq f'dik l-allegata kondizzjoni u talbitu jghidilha fejn kien izda hu wiegeb li kien gej lura d-dar. Hi baqghet tistenna fuq il-post u l-appellant wasal bil-vettura tieghu li taghha indikat in-numru ta' registrazzjoni, l-ghamla u l-kulur. Hemmhekk innutat li kien fis-sakra sia mill-mod kif kien miexi, kif kien qed jitkellem u mir-riha qawwija ta' alkohol li kienet tinxtamm mill-boghod. Meta ttiehed l-ghassa sabiex jaghti kampjun tan-nifs ghall-tlett darbiet minflok

nefah fit-tubu beda jiftah halqu kollu u ghalhekk it-test kien abbandunat. Ghalhekk inzamm gewwa l-ghassa sakemm gie fi stat tajjeb li jiehu hsieb lilu nniffsu;

3. L-appellant xehed illi dak inhar kien telaq mid-dar bil-mixi u gie lura bil-mixi akkumpanjat minn martu wara li cemplitlu biex tirranga s-sitwazzjoni. L-vettura tieghu kienet ipparkjata hazin quddiem *garage* wara l-kantuniera u meta mar-ritorn taghhom flimkien, martu dahlet fiha u pparkjatha sewwa f'*parking slot* quddiem id-dar. Huwa jichad li f'xi hin saq il-vettura tieghu;

4. L-ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni tal-ufficcjal tal-Pulizija kif kellha kull dritt li taghmel fit-termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Ezaminat ir-ragunament tal-ewwel Qorti ghaliex ghazlet din il-verzjoni u mhux dik tal-appellant, din il-Qorti hija konkordi ma dan ir-ragunament u zzid illi l-ufficjal baqghet tistenna fir-residenza tal-appellant fejn kien hemm martu u wliedu u mkien ma jirrizulta illi martu halliet ir-residenza biex tmur ghall-appellant; jekk il-vettura tal-appellant kienet ipparkjata kantuniera boghod mid-dar kif setghet l-ufficcjal tikkonstata b'ghajnejha stess li dik kienet il-vettura tieghu? L-istess ufficcjal xehedet illi l-appellant irritorna fil-vettura tieghu id-dar fejn kienet qed tistennieh hi. Miz-zewg verzjonijiet, dik tal-ufficjal tal-Pulizija tirradika f'din il-Qorti il-konvinciment illi l-appellant irritorna d-dar fil-vettura tieghu minnu misjuqa;

5. Jibqa' ghalhekk xi jkun deciz l-argument tal-appellant li ma jistghax ikun li filwaqt li kien liberat mit-tielet imputazzjoni, fl-istess waqt instab hati tat-tieni wahda li hija identika ghat-tielet. L-appellant m'ghandux ragun f'dan l-argument. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma humiex identici, anzi kontrastanti u indipendenti minn xulxin. It-tieni imputazzjoni hija dik ravvizata fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta li hadd ma ghandu jsuq jew jittanta jsuq vettura bil-mutur fit-triq jekk ma jkunx f'kundizzjoni li jsuq minhabba konsum ta' xorb jew drogi. It-tielet imputazzjoni, dik li minnha kien liberat l-appellant, hi dik

ravvizata fl-artikolu 15E (4) tal-istess Kapitolu fejn persuna li tirrifjuta kampjun tan-nifs tkun hatja ta' reat. Dak li ghamlet il-prosekuzzjoni hu li kwalifikat in-nuqqas ta' l-ghoti tal-kampjun f'cirkostanzi fejn l-appellant kien qed isuq, jittenta isuq jew kellu kontroll ta' vettura fit-triq;

6. L-ewwel Qorti korrettament lliberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni ghaliex n-nuqqas tieghu li jipprovdi kampjun tan-nifs ma kienx dovut ghal xi azzjoni volontarja tieghu imma ghaliex kien fi stat tant intossikat li ma setghax jesegwixxi l-azzjoni semplici li jonfoh fit-tubu tal-apparat li jkejjel l-livell tal-alkohol fin-nifs. Dak l-istat ta' sokor izda, kien bizzejjed sabiex il-Qorti ssib htija fl-appellant fit-tieni imputazzjoni u wara li ezaminat ir-ragunament taghha, taqbel perfettament mal-istess u ma ssib xejn li jista' jikkonvinci lil din il-Qorti li tiddeciedi mod iehor;

7. Dak fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti hu li fit-termini tal-artikolu 15H (2) tal-Kap 65, b'zieda mal-piena kellha ukoll tassattivament tiskwalifika lill-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur fil-kaz tal-ewwel kundanna u minkejja dan, ma ghamlet ebda tali ordni. L-Avukat Generali, izda, ma appellax dwar dan in-nuqqas u ghalhekk ma tistax issa din il-Qorti tvarja l-piena erogata biex takkludi z-zieda tal-iskwalifika;

8. L-appellant jargumenta ukoll, b'mod alternattiv, illi l-piena erogata ta' €1200 kienet wahda esagerata. Minkejja dan, huwa ma jaghmel ebda talba ghal-varjazzjoni fil-piena u anke li kien hekk, dan l-aggravju huwa wiehed fieragh ghaliex dik hija l-minimu tal-piena erogabbli skond l-artikolu 15H (1)(a) tal-Kap 65;

9. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.